# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 52/19/1 AF**

**Romeo Bone**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. L-attur kien ġie mixli fl-Italja b'reati li kienu jirrigwardaw kompliċita` fir-reat ta' traffikar ta' droga mill-Olanda ta' droga kokaina u droga kannabis (marijuana), u permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunale di Catania fl-20 ta' Frar, 2009, l-attur kien ġie lliberat mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Sussegwentement, fis-26 ta' Ottubru, 2009, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att ta' akkuża numru 39 tal-2009 kontra l-attur, permezz ta' liema akkuża lill-attur b'żewġ kapi ta' assoċjazzjoni ma'

persuni oħra sabiex jimporta, ibiegħ jew jitraffika mediċina u droga oħra f'Malta, jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. L-attur isostni li l-akkuża kontra tiegħu titratta r-reat ta' assoċjazzjoni biex tiġi traffikata l-istess droga mertu tal-kawża ġewwa l-Italja, u għalhekk ressaq eċċezzjoni preliminari ta' *ne bis in idem*. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali permezz ta' sentenza datata 30 ta' Novembru, 2016, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Frar, 2019. L-attur jilmenta li jekk ser jitkomplew dawn il-proċeduri penali hawn Malta ser ikunu qed jiġu jew ikunu x'aktarx ser jiġu miksura d-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent saniciti fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea."

3. L-Avukat Ġenerali eċċepiet, *inter alia,* li hemm differenza fid-diċitura tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, li l-attur ma jistax juża dawn il-proċeduri bħala forma ta' appell mid-deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati ta'

kompetenza kriminali, u li għalkemm meta wieħed iqabbel ir-reati li ġie mixli bihom fl-Italja ma' dawn li qiegħed jiġi mixli bihom f'Malta ser isib li ħafna minnhom huma identiċi, il-każ li qed jinstema' Malta huwa msawwar fuq fatti li huma differenti u li ma ġewx imressqa a konjizzjoni tat-tribunal ta' Catania, u dan apparti li anke r-reati huma differenti.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Jannar, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."

5. L-attur preżenta l-appell tiegħu fil-15 ta' Frar, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Avukat Ġenerali filwaqt li tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Avukat Ġenerali.

6. L-Avukat Ġenerali preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-28 ta' Frar, 2022, permezz ta' liema ssottomettiet li dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellant jargumenta li mhuwiex minnu li l-fatti li fuqhom huma mibnija l-akkużi mhumiex l-istess f'Malta bħal dawk ġewwa l-Italja,

għaliex il-fatt li fl-akkużi quddiem it-Tribunal ta' Catania ma jissemmiex li d-droga kienet ser tiġi traffikata lejn Malta ma jfissirx li hemm differenza fil-fatti tal-każ u li għaldaqstant ma japplikax il-prinċipju ta' *ne bis in idem.* Isostni li l-akkużi li bihom ġie mixli fl-Italja m'huma xejn għajr l-attwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-assoċjazzjoni allegatament miftehma f'Malta, tant li, kieku ma ttieħditx id-deċiżjoni tal-interċettazzjoni ma kien ikun hemm l-ebda proċeduri fl-Italja, iżda biss proċeduri fil-konfront tiegħu hawn Malta. Jgħid li l-Ewwel Qorti stess aċċettat li hawn qed nitkellmu fuq l-istess droga, u fuq l-istess pjan konsistenti fil-fatt li allegatament huwa mar l-Olanda, xtara din id-droga u beda jittrasportaha lejn Malta, meta mbagħad ġie nterċettat fi Sqallija bid-droga li kienet pjanata għal Malta. Jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-*punctum temporis* kien differenti.

8. L-Avukat Ġenerali tirribatti li m'hemm l-ebda dubju li l-appellant fetaħ din il-kawża kostituzzjonali biex il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali jagħmlu reviżjoni ta' dak li diġa ġie deċiż minn qrati oħra. Targumenta li m'hemm l-ebda dubju li r-reat li l-attur ġie akkużat li wettaq fi Sqallija huwa differenti mir-reat ta' assoċjazzjoni li seħħ f'Malta, u tirrileva li fis-sentenza tal-Qorti Taljana "Malta" ma tidher imkien minkejja li huwa pjuttost ċar li l-ftehim sabiex tinġieb din id-droga seħħ kollu f'Malta. Issostni li hu evidenti li l-fatti kif postulati fis-sentenza tal-Qorti Taljana mhumiex l-istess jew sostanzjalment l-istess għall-fatti li ġraw f'Malta

għaliex il-każ ta' Malta jdur madwar fatti li ma nġiebux a konjizzjoni tat-Tribunal Taljan, u li apparti minn hekk l-akkużi huma differenti peress li ġewwa Catania l-appellant ġie proċessat għar-reat ta' mportazzjoni ta' droga filwaqt li f'Malta l-proċess jirrigwarda akkuża ta' assoċjazzjoni għall-importazzjoni u traffikar ta' droga. Iżżid li d-differenza fil-fatti tirriżulta l-ewwel u qabel kollox fid-dati meta seħħew l-allegati fatti, peress li mill-att ta' akkuża jirriżulta li l-imġieba kriminuża li kienet qed tiġi nvestigata mill-Pulizija Maltija bdiet f'Diċembru 2001 mentri s-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Catania tirreferi unikament għad-data tat-30 ta' Mejju, 2002.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi qegħdin jew ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti permezz tal-artikolu 39(4) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dan stante li skont hu, ġie miksur il-prinċipju ta' ne bis in idem.
>
> Mill-atti jirriżulta li r-rikorrent jinsab mixli bl-att ta' akkuża 39/2009 ppreżentat nhar il-15 ta' Ottubru 2009. Fl-ewwel kap, l-akkuża hija dik ta' assoċjazzjoni ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika droga f'Malta fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw fil-parti narrativa tal-att ta' akkuza u bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi hemm indikati. Fit-tieni kap, l-akkuża hija dik ta' reċidività b'diversi sentenzi li wkoll huma indikati fil-parti narrativa tal-att ta' akkuza u bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi hemm ċitati.
>
> Essenzjalment, ir-rikorrent ġie mixli li flimkien ma' oħrajn ftiehem sabiex tigi mportata d-droga ġewwa Malta. Qiegħed jiġi allegat li:
>
> - Il-ftehim seħħ kollu kemm hu hawn Malta. Uħud mill-persuni involuti kienu saħansitra qed jiskontaw piena karċerarja ġewwa l-faċilità korrettiva ta' Kordin;

- Id-droga ġiet akkwistata l-Olanda u meħuda l-Italja, preċiżament Catania, fejn minn hemmhekk kellha tinġieb Malta. Ir-rikorrent kien involut fl-akkwist u fit-trasport tad-droga;

- L-ewwel attentat tal-akkwist tad-droga ma rnexxiex minħabba nuqqas ta' finanzi u t-tieni darba r-rikorrent flimkien ma' terzi akkwistaw id-droga u daħlu biha l-Italja. Madanakollu, peress li kien hemm suspett li t-traffikanti kienu qed jiġu segwiti mill-pulizija Taljana, id-droga ġiet moħbija Catania;

- Madwar xahar wara, ċertu Fabio Psaila u Raymond Borg telgħu Catania biex jiġbru d-droga mill-moħba u jnizzluha Malta. Iżda ġara li fuq informazzjoni mgħoddija lilhom mill-pulizija Maltija, il-pulizija Taljana kien irnexxielha tintraċċa d-droga u din kienet ġiet sostitwita b'pakkett ieħor ippakkeġġjat bl-istess mod. Malli Borg u Psaila marru biex jiġbru d-droga mill-moħba huma ġew interċettati mill-pulizija Taljana li kienu għassa u ġew arrestati.

Abbażi ta' din l-operazzjoni ta' assoċjazzjoni bejn diversi nies sabiex tiġi importata d-droga ġewwa Malta bl-għan li tiġi ttraffikata, ir-rikorrent u l-kompliċi tiegħu ġew mixlija bl-akkużi surriferiti. Fis-sena 2002 kienet intalbet l-estradizzjoni tar-rikorrent mill-awtoritajiet Taljani sabiex jiffaċċja akkużi kriminali imma l-estradizzjoni qatt ma seħħet minħabba li kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri hawn Malta. Il-proċeduri kontra r-rikorrent ġew inizjati xorta waħda quddiem it-Tribunal ta' Catania iżda b'sentenza tal-20 ta' Frar 2009 ġie liberat mill-akkużi fuq nuqqas ta' provi. Sussegwentement, fil-15 ta' Ottubru 2009 u wara li ġew magħluqa l-atti tal-kumpilazzjoni, inħareg l-att ta' akkuża fejn ġie akkużat bir-reat ta' assoċjazzjoni ma' persuni oħra bil-ħsieb li tiġi importata u ttraffikata d-droga f'Malta u reċedevità.

L-akkużi li r-rikorrent kien mixli bihom fit-Tribunal ta' Catania huma s-segwenti:

> "A) del delitto p.e.p. dagli artt. 110, 81 c.p. 73 co.1°T.U.n. 309/90, per avere in concorso con Borg Raymond e Psaila Fabio (per cui si procede speratamente) ed altri correi allo stato non identificati, acquistato, importato dall'Olanda, trasportato e detenuto, allo scopo di cederla a terzi Kg. 4.160 (pari a dosi comprese tra 9.638 – 11565) di sostanza stupefacente del tipo cocaina, di cui alla tabella 1^ prevista dall'art.14 del citato D.P.R. Accertato in Catania fino al 30.05.2002 6
>
> B) del delitto p. ep. Dall'art. 110, 81 c.p, e 73 co. 1°e 4° T.U, n.309/90 per avere, in concorso con Borg Raymond e Psaila Fabio (per cui si procede speratamente) con piu' azioni esecutive del medesimo disegno crimonoso, illecitamente acquistato, importato dall'Olanda e detenuto also scopo di cederla a terzi gr. 826 (pari a dosi tra 1258 – 1888) di sostanza stupefacente del tipo marijuana di cui alla tabella II prevista dall'art. 14 del citato D.P.R. Accertato in Catania fino al 30.05.2002."

L-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> “Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa’ tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta’ qorti superjuri mogħti matul il-kors ta’ appell jew proċeduri ta’ reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta’ ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat (...)”

L-artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> “1. Ħadd ma jista’ jkun ipproċessat jew jerġa’ jiġi kkastigat għal darb’oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta’ dak l-Istat.
>
> 2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa’ jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inkwistjoni, jekk ikun hemm provi ta’ xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta’ qabel, li jista’ jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ. 3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.”

L-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jaqra hekk:

> “L-ebda persuna ma tista' terġa’ tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.”

Huwa rilevanti wkoll l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi wkoll li ‘Wara sentenza li f’kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.’

Fost l-eċċezzjonijiet preliminari li ressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali kienet dik tan-ne bis in idem. Madanakollu, din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz ta’ sentenza ta’ dik il-Qorti tat-30 ta’ Novembru 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta’ sentenza tat-13 ta’ Frar 2019.

Il-Qorti tqis illi f’din il-kawża għandha tibda billi tissenjala li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-funzjoni ta’ din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta’ qorti ta’ reviżjoni ta’ sentenzi ta’ qrati oħra. Il-proċeduri kostituzzjonali u dawk taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta’ dritt fundamentali fil-kors, jew b’riżultat, ta’ dawk il-proċeduri.

Kif proprju spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> "Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."

L-eċċezzjoni ta' ne bis in idem ir-rikorrent giet imqajjma quddiem il-Qorti Kriminali u mid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti r-rikorrent appella lill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn l-eċċezzjoni ġiet mistħarrġa għal darb'oħra.

Wara li l-Qorti Kriminali għamlet analiżi approfondit tal-prinċipju ta' ne bis in idem, qalet hekk:

> "Stabbilit dan allura, ma hemmx dubbju illi ghalkemm l-akkuzat gie sottopost ghal proceduri penali gewwa l-Italja dwar l-komplicita fl-importazzjoni tad-droga kokajina u cannabis, liema droga qatt ma waslet fi xtutna. Madanakollu jidher illi l-assocjazzjoni li dwaru Bone jinsab akkuzat f'dawn il-proceduri ikopri fatti ohra li ma kenux il-mertu tal-fatti esposti quddiem il-Qorti f'Catania. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-deposizzjoni ta' Neil Harrison, dak iz-zmien supretendent tal-pulizija, fl-atti kumpilatorji ghandu jirrizulta illi l-akkuzat kien sahansitra allegatament mar f'zewg okkazjonijiet gewwa l-Olanda bil-hsieb li tigi importata d-droga gewwa Malta u mhux biss dik l-okkazzjoni fejn huwa gie imwaqqaf mill-pulizija taljana."

Għalhekk, il-Qorti Kriminali waslet għas-segwenti konklużjoni:

> "… huwa indubitat illi l-akkuza addebitata lil Bone f'dawn il-proceduri tkopri fatti u cirkostanzi li certament ma jistghux ikunu marbuta mal-att materjali wahdu fejn allegatament sehhet l-importazzjoni tad-droga gewwa l-Italja. Dan ghaliex hawnhekk titwieled azzjoni separata u distinta mill-azzjoni li wasslet lil Bone gewwa l-Italja. Anke l-investigazzjoni tal-pulizija maltija sa dan il-punt u cioè sal-wasla ta' Bone fl-Italja kienet distinta mill-investigazzjoni li imbaghad segwiet fejn necessarjament kellhom jigu involuti il-pulizija taljana. Ghalhekk ghalkemm soggettivament jista' jidher illi l-azzjonijiet inkriminatorji maghmula mill-akkuzat jistghu ikunu marbuta, madanakollu il-Qorti hija tal-fehma illi oggettivament ma tistax tirriskontra dan l-irbit bejniethom billi il-ftehim, l-assocjazzjoni li taghha l-akkuzat kien jifforma parti, wassal sabiex allegatament saru azzjonijiet minnu li ma kenux jiffurmaw il-bazi tal-process gudizzjarju gewwa l-italja. Il-fatt illi l-akkuzat kien diga telgha gewwa l-Olanda bil-hsieb illi tingieb id-droga Malta, ghalkemm dan ma irnexxiex billi allegatament ma kienx hemm flus bizzejjed dak inhar sabiex tigi iffinanzjata dina l-attività, wahedha tista' twassal sabiex ir-reat addebitat lilu jista' jissussisti. Dan qed jinghad mill-Qorti minghajr ma hija ser tinoltra ruhu fil-fattispecje tal-kaz billi dan ghandu jigi imholli interament f'idejn il-gurati. Illi fuq kollox

> ir-reat ta' l-assocjazzjoni huwa ikkunsmat hekk kif isehh il-pjan miftiehem. Jidher illi dan il-pjan sehh u l-akkuzat allegatament erhilha lejn l-Olanda biex jigi attwat dan il-pjan, izda dan falla minhabba f'nuqqas ta' finanzi. Sussegwentement rega sar pjan mill-gdid fejn din id-darba dan allegatament irnexxa u id-droga giet ittrasportata u kif inghad intercettata gewwa l-Italja.
>
> Illi ghalhekk ghalkemm il-linja ta' demarkazzjoni hija wahda sottili billi jista' jirrizulta soggettivament, kif tikkontendi del resto id-difiza illi l-fatti huma identici u il-kaz huwa wiehed, madanakollu l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan ghaliex jirrizulta illi l-fatti addebitati lill-akkuzat permezz tal-presenti istanza jikkostitwixxu imgieba illegali usa minn dik mistharrga fil-Qorti fl-Italja ghar-raguni hawn fuq indikata
>
> ...
>
> f'dan il-kaz l-assocjazzjoni ai fini ta' importazzjoni u traffikar ta' droga gewwa Malta ma tistax titqies bhala tikkomprendi 'l-istess azzjonijiet' li sehhew gewwa l-Italja u dan fis-sens stabbilit fil-ligi. Ghal dawn il-motivi, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, qieghda tichad l-eccezzjoni ta' ne bis in idem sollevata mill-akkuzat Romeo Bone."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Hija żiedet tgħid hekk:

> "... b'debita konsiderazzjoni ghal dak li jghidu d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u tal-Kostituzzjoni dwar ne bis in idem, hija l-fehma ta` din il-Qorti illi dak li huwa krucjali ghall-fini ta' din id-decizjoni huwa jekk il-fatti li abbazi taghhom l-appellant kien mixli bir-reati fuq riferiti quddiem it-Tribunal ta' Katanja, fejn kien processat u liberat b'sentenza li ghaddiet in gudikat, humiex l-istess fatti jew sostanzjalment l-istess fatti, li abbazi taghhom l-appellant huwa mixli bir-reat mertu tal-procediment odjern.
>
> Relattivament ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid illi, ghal dawk li huma reati, mhuwiex kontestat illi dawk li bihom l-appellant kien processat fl-Italja ma humiex l-istess bhar-reat li bih l-appellant huwa mixli fil-kawza tal-lum."

Dwar fatti li fuqhom saret ix-xilja tar-reati kommessi fl-Italja, u l-fatti li abbażi tagħhom huwa mixli r-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha xi tgħid hekk:

> "Tistqarr in primis illi l-fatti u cirkostanzi taz-zewg procedimenti m'ghandhomx jitqiesu bhala l-istess (jew sostanzjalment l-istess). Il-fatti abbinati mar-reat li fuqu qed ikun akkuzat l-appellant fil-procediment odjern mhumiex dawk li abbazi taghhom kien processwat u liberat fl-Italja. M'ghandux ikun hemm dubju li huma diversi l-fatti li jsawwru z-zewg procedimenti. Dan tal-lum mhuwiex kaz fejn l-appellant kien liberat abbazi ta' akkuzi fondati fuq fatti partikolari, u wara, tressaq dwar dawk l-istess fatti sabiex iwiegeb ghal reati ohra fi procediment gdid."

Għaldaqstant, ikkonkludiet li:

> "Il-fatti tal-kaz odjern huma l-grajjiet li sehhew Malta, distakkati minn dak li gara barra minn xtutna, u li huma relatati mar-reat tal-assocjazzjoni. Fil-kaz ta' dan ir-reat, il-fatti huma, mill-bidu sal-ahhar, konnessi ma' dak li allegatament sar Malta mill-appellant. Ghalhekk tajjeb osservat l-Ewwel Qorti li ma tirrizultax l-identicità tal-fatti materjali fiz-zewg procedimenti. Ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni ta' ne bis in idem, invokata mill-appellant, ghaliex ma tirrizultax rabta guridika bejn il-fatti li wasslu ghall-gudizzju definittiv ta' l-appellant fl-Italja fuq reati partikolari, mal-fatti li abbazi taghhom l-appellant qed ikun akkuzat b'reat distint minn dak tal-procediment l-iehor."

Stabbilit dan kollu, jirrizulta lil din il-Qorti li l-artikolu 7 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex applikabbli fil-każ odjern in kwantu li r-rikorrent mhuwiex qiegħed jallega li qed jerġa jkun ipproċessat fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat.

Dwar l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, fil-każ fl-ismijiet Francis Vella vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' Settembru 2009, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> "Illi dwar l-aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-ne bis in idem jibda biex jingħad li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġà ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha.
>
> Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;
>
> Illi huwa wkoll stabilit li l-prinċipju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-res judicata li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;
>
> ...
>
> Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess

> waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċepixxi r-res judicata". Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat"
>
> Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.""

Fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai Magrin, tas-26 ta' Marzu 2009, din il-Qorti diversament presjeduta osservat li:

> "Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġà għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"bis" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti tqis illi din l-azzjoni hija tentattiv ieħor tar-rikorrent li jottjeni t-tħassir tal-att ta' akkuża maħruġa kontra tiegħu u dan meta l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali diġa trattaw l-ilment tiegħu bbażat fuq il-prinċipju tan-ne bis in idem.

L-akkużi taħt l-att ta' akkuża 39/2009 li r-rikorrent preżentament jinsab mixli bihom huma li assoċja ruħu hawn Malta ma' terzi persuni sabiex tiġi ttraffikata d-droga f'Malta u li b'għemilu sar riċediv. Isegwi għalhekk illi l-ġrajjiet li jsawru l-akkużi mertu tal-proċeduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent seħħew ġewwa Malta. Fl-Italja huwa għadda proċeduri dwar kompliċità ma' terzi fl-importazzjoni ta' ammont ta' droga mill-Olanda ġewwa l-Italja. Filwaqt illi numru ta' fatti huma l-istess, il-fatti li fuqhom huma mibnija l-akkużi m'humiex l-istess b'dan illi allura anke reati li r-rikorrent ġie akkużat bihom huma differenti. Biżżejjed li, kif tajjeb josserva l-Avukat Ġenerali fin-nota ta'

> sottomissjonijiet tiegħu, fl-akkużi quddiem it-Tribunal ta' Catania, il-fatt illi d-droga kienet ser tiġi traffikata lejn Malta ma jissemma mkien.
>
> Quddiem it-Tribunal ta' Catania ir-rikorrent ġie akkużat li flimkien ma' terzi akkwista mill-Olanda u importa fl-Italja d-droga bl-iskop li din tingħata lill-terzi. Ir-reat ta' assoċjazzjoni sabiex tiġi traffikata d-droga hawn Malta huwa reat differenti. Fil-fatt, il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Catania jirreferu għal ġurnata tat-30 ta' Marzu 2002 u ċioè dakinhar li Fabio Psaila u Raymond Borg marru Sqallija sabiex jiġbru d-droga filwaqt illi fl-att ta' akkuża mertu ta' dan il-każ, saret riferenza għad-data tat-28 ta' Frar 2002 meta 'ai fini tal-pjan maħsub ma' diversi persuni oħra (...) qabad titjira lejn Amsterdam fl-Olanda (...) bl-iskop li jixtri u jniżżel is-sustanza illegali (...) liema droga kellha titniżżel permezz ta' vettura lejn Sqallija sabiex tiġi trasferita minn hemmhekk permezz ta' dgħajsa lejn xtutna.'
>
> Veru li ż-żewġ proċeduri jirrigwardaw l-istess droga imma r-reati li ġie mixli bihom ir-rikorrent ċertament li m'humiex l-istess. Lanqas seta' r-rikorrent, abbażi ta' dawk il-fatti li sawru l-akkużi quddiem it-Tribunal ta' Catania, jiġi misjub ħati tar-reati mertu tal-att ta' akkuża 39/2009. Dan in kwantu li r-reat ta' assoċjazzjoni li jinsab mixli bih ir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali ġewwa pajjiżna jirreferi għaż-żmien meta ġie esegwit il-pjan sabiex tiġi traffikata d-droga lejn Malta, filwaqt illi għall-proċeduri ġewwa l-Italja, il-punctum temporis relevanti kienet il-ġurnata meta Fabio Psaila u Raymond Borg marru Sqallija sabiex jiġbru d-droga.
>
> Isegwi għalhekk illi fil-konfront tar-rikorrent ma seħħ l-ebda ksur tal-prinċipju ta' ne bis in idem."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. L-attur ressaq aggravju wieħed fl-appell tiegħu permezz ta' liema jsostni li r-reati li bihom qiegħed jiġi mixli hawn Malta jitrattaw l-istess fatti li dwarhom huwa ġie dikjarat mhux ħati mill-Qorti Taljana. Mill-provi jirriżulta li l-Pulizija Maltija kienu bdew investigazzjoni f'Novembru 2001 rigward grupp ta' priġunieri fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li allegatament kienu qed jagħmlu arranġamenti ma' ċertu Hasan Ben Salah fl-Olanda sabiex jakkwistaw xi sustanzi lleċiti, liema droga kellha mbagħad tinġieb

hawn Malta. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija Maltija rriżulta li l-attur kien allegatament wieħed mill-persuni li proprju mar l-Olanda jiltaqa' mal-imsemmi Ben Salah fit-28 ta' Frar, 2002, iżda l-ebda droga ma kienet inġiebet hawn Malta wara dan l-inkontru għaliex ma kinux ittieħdu biżżejjed flus u għaliex ma kienx għad hemm pjan konkret dwar kif kellha ssir il-konsenja tad-droga mill-Olanda għal Malta. Mill-investigazzjoni tal-Pulizja rriżulta li allegatament il-flus li kienu diġa ttieħdu l-Olanda kienu tħallew mal-imsemmi Ben Salah u allegatament l-attur kien mar iħallas il-bilanċ li kien għadu pendenti fl-4 ta' April, 2002. Skont il-Pulizija il-pjan kien li allegatament id-droga kellha tiddaħħal hawn Malta tramite Sqallija u għalhekk il-Pulizija Maltija kienu talbu l-għajnuna tal-awtoritajiet Taljani sabiex jinterċettaw id-droga. Dan kien sar, u eventwalment l-awtoritajiet Taljani kienu ddeċidew li jixlu lill-attur bir-reat ta' akkwist, trasport, importazzjoni u detenzjoni f'Catania, in assoċjazzjoni ma' terzi, ta' 4.16kg ta' kokaina u 826 grammi ta' marijuana. Jirriżulta li din is-sentenza kienet ingħatat in *absentia* peress li l-attur kien għaddej minn kompilazzjoni hawn Malta u għalhekk ma ġiex estradit lejn l-Italja. Minn qari ta' din is-sentenza jirriżulta li l-fatti li dwarhom kien qiegħed jiġi mixli l-attur kienu jirrigwardaw fatti li allegatament ġraw fi Sqallija nnifisha, tant illi fil-fatt l-attur ma nstabx ħati peress illi ma kienx preżenti meta nġabret id-droga u l-unika ħjiel ta' nvolviment li ġie pruvat quddiem il-Qorti Taljana kien fis-sens li l-attur kien intlemah fi Sqallija ma' wieħed mill-persuni allegatament involuti fir-reat.

11. Jibda biex jingħad li l-ilment tal-attur taħt l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll hu bla bażi billi dan japplika fil-każ ta' akkużi u kundanna għal-istess reat '*under the jurisdiction of the same state*'. Dan mhux il-każ li għandha quddiemha, billi quddiem il-Qrati Maltin proċess wieħed hemm għax l-ieħor sar fl-Italja.

12. L-Ewwel Qorti ma għamlet ebda konsiderazzjoni dwar l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea nvokat mill-appellant. Il-Qorti Kriminali kkunsidrat l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, għamlet referenza għall-liġi u ġurisprudenza ta' Qorti Ewropea, u tat ir-raġunijiet għalfejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Eżerċizzju li kellu jsir minn dik il-qorti. Ma jistax issa l-attur iressaq l-istess ilment f'kawża dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali, sempliċement għaliex ma jaqbilx mar-raġunament li għamlet il-Qorti Kriminali. F'dak ir-rigward is-sentenza tal-Qorti Kriminali, konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, hi ġudikat.

13. **Jifdal għalhekk li l-appell tal-attur jiġi kkonsidrat abbażi tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:**

> *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief......"*

14. M'hemmx dubju li r-reat li minnu ġie liberat l-attur fi Sqallija mhuwiex l-istess reat li qiegħed jiġi addebitat fil-proċeduri pendenti kontra tiegħu hawn Malta. Lanqas ma jirriżulta li fil-proċeduri li saru fi Sqallija l-attur seta' jiġi misjub ħati tar-reat li qiegħed jiġi akkużat bih hawn Malta. F'dan ir-rigward l-attur ma ressaq l-ebda prova li l-awtoritajiet Taljani kellhom il-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jressqu lill-attur ukoll dwar ir-reati allegatament kommessi minnu hawn Malta. Għalhekk l-appell tal-attur huwa nfondat anke għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

15. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-attur huwa nfondat u qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da